**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., Mag. Jur. (EU Law)**

**Distrett Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmel Polidano**

**Illum, 12 ta' Frar, 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Carmel Polidano, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 506259M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*"...nhar it-3 ta' Settembru 2020, għall-ħabta ta' 16.35hrs fi Triq l-Imqabba Siggiewi*

*1) Inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PC 1484, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-dover tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirjietu;*

*2) Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.*

*3) Inġurjajt, jew heddidt, jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' PC1484, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet trattazzjoni finali;

Rat l-artikoli relevanti;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

**Provi Prodotti**

Ġie ppreżentat affidavit ta' **PC1484 Emanuel Tonna**, fejn spjega li huwa membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, stazzjonat ġewwa t-Taqsima ta' Traffiku u li fit-3 ta' Settembru, 2020, għal ħabta ta' 16:35pm ġewwa Triq l-Imqabba, Siġġiewi, kienu maġenb ir-*roundabout* biswit it-tarf tal-Bypass tas-Siġġiewi. Spjega li hu flimkien ma' PC 200 Bjorn Delia u PC 784 Darryl Buhagiar, kienu qegħdin iwaqqfu vetturi. Xehed li dakinhar għaddiet minn quddiemu, vettura tal-għamla Range Rover ta' kulur abjad bin-numru ta' reġistrazzjoni PBL 111, u waqqafha għaliex kellu suspett li għandha l-ħġieġ tal-ġenb ta' wara skuri wisq (*tinted*) u x-xufier kien Carmel Polidano, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 506259M. Kompla jgħid li huwa staqsa lix-xufier jekk kellux permess mingħand Transport Malta, biex ikollu il-ħġieġ tal-vettura skuri, bix-xufier jgħidlu li ħadd qatt mill-awtoritajiet ma kellmu rigward tali ħġieġ u ħadd qatt ma kien waqfu qabel. PC1484 xehed li x-xufier qabad jidgħi u niżel mill-vettura, minkejja li huwa ordnalu biex jibqa' fil-vettura, u prova iħebb għalih. Sostna li x-xufier kien ser jagħtih daqqa ta' bieba u huwa żamm il-bieba biex ma jolqtux. Qal li s-Sur Polidano mar wara l-vettura u baqa jgħajjru 'Kummidjant u Buffu' u beda joffendih bil-familja tiegħu, sakemm huwa beda jieħu d-dettalji tiegħu minn fuq l-ID Card. Żied jgħid li minkejja li huwa reġa' ordnalu biex jieqaf u jitla' ġol-vettura, l-imputat baqa' jinsulentah, jidgħi u joffendih u sħabu PC200 Bjorn Delia u PC784 Daryl Buhagiar komplew jikkalmawh u qalulu biex isuq.

In kontroeżami, PC1484 ikkonferma li huwa kien kiteb l-affidavit, iżda ma jiftakarx id-data. Spjega li dakinhar tal-inċident, kien hemm żewġ kuntistabbli oħra u filwaqt li jiftakar id-data tal-inċident, huwa ma jiftakarx x'ġurnata kienet. L-Uffiċjal

ikkonferma li kienu ħallew ħafna karozzi jgħaddu, iżda huwa kien waqqaf il-vettura proprjetà tal-imputat, għaliex kien ra li l-ħġieġ tal-ġnub ta' wara kienu skuri. Spjega li huwa ried li jivverifika hijiex skont il-Liġi. Huwa kkonferma li ma nħarġitx *charge* fuq il-kwistjoni tat-*tinted glass.* Mistoqsi fuq id-difett f'saqajn l-imputat, huwa xehed li ma kienx jaf li s-Sur Polidano jilbes ċertu tip ta' żraben, minhabba difett li żviluppalu f'saqajh, filwaqt li kien ċaħad li saqajn is-Sur Polidano ingħalqitlu bejn il-bieba u l-karozza. Dan sostna li s-Sur Polidano kien prova jagħtih daqqa ta' bieba, wara li huwa kien ordnalu biex ma jinżilx mill-karozza. Ix-xhud ċaħad li huwa kien rema karta tal-identità mal-art u innega li huwa kien aggressiv mas-Sur Polidano, filwaqt li żied li kien proprju dan tal-aħħar li kien aggressiv miegħu. Mistoqsi fuq *Anger Management Courses*, l-Uffiċjal innega li huwa applika għal xi *Anger Management Courses* riċentement. Kompla jgħid li huwa ma kienx ra lill-imputat izappap u li għalkemm kien qallu biex ma jinżilx mill-karozza, l-imputat xorta kien niżel. L-Uffiċjal ċaħad li l-imputat talbu jiftaħ il-bieba ta' wara, u kompla jgħid li l-imputat qagħad jgħajjru u ħebb għalih x'ħin niżel mill-karozza. Spjega li meta l-imputat kien ser jiftaħ il-bieba, huwa żammha għax kien ser jolqtu. Żied jgħid li l-biċċa l-kbira tan-nies li jwaqqaf, ikollhom l-argumenti miegħu u meta staqsa lill-imputat jekk kellux permess għat-*tinted glass*, huwa kien qabad jidgħi. Saħaq illi huwa kien ħa xi noti dakinhar tal-inċident u esebihom. Qal illi dakinhar tal-inċident, kien ħa noti fuq in-*notebook* tal-Pulizija u qal li ħafna drabi jerġa' jiktibhom fuq karta bħal ma ppreżenta, li kienet tal *Ideal Homes*, iżda saħaq illi ma kienx jiftakar meta kiteb tali noti.

**PC 200 Bjorn Delia** xehed permezz tal-affidavit, fejn spejga li huwa Membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, stazzjonat ġewwa t-Taqsima ta' Traffiku, u li fit-3 ta' Settembru, 2020, għal ħabta ta' 16:35pm, waqt li kienu xogħol fl-*Ewwel Day Watch,* igifieri mis-6 ta' filgħodu sa 17:30pm, flimkien ma' PC1484 E.Tonna u PC784 D. Buhagiar, waqfu jagħmlu *spot check* fejn ir-roundabout li hemm fl-aħħar tal-Bypass tas-Siġġiewi, qabel tidħol għal Triq Mqabba (ta' Kandja). Spjega li PC1484 E.Tonna waqqaf vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni PBL111, tat-tip Range Rover Sport abjad, minħabba li l-karozza kellha ħġieġ skur u sema' lis-sid tal-vettura jargumenta ma' PC1484. Qal li għalhekk huwa avviċina l-imsemmija vettura, biex jassisti lil PC1484. Kompla jgħid li sid il-vettura, Carmel Polidano, beda jargumenta u b'leħen għoli beda jidgħi u beda jgħid li l-ħġieġ kien tal-fabbrika. Kompla jgħid li minkejja li PC1484 tah ordni biex ma jinżilx mil-karozza, l-imputat ma obdiex l-ordni u kien ħa jagħti daqqa lil PC1484 sabiex jinżel, iżda PC1484 żamm il-bieba b'siequ. Żied jgħid li PC1484 mar fuq wara tal-vettura sabiex jimla iċ-ċitazzjoni, filwaqt li huwa beda jipprova jikkalma lis-Sur Polidano, iżda dan baqa' għaddej biha. Qal li Polidano niżel mill-karozza, filwaqt li kompla jinsulenta lil PC1484, fejn dan tal-aħħar qallu li ser jinħarġulu l-akkużi.

In kontroeżami, l-Uffiċjal PC200 qal li l-ġurnata tal-inċident kienet is-Sibt, u li miegħu kien hemm is-Sur Buhagiar. Qal li s-Sur Tonna, PC1484, kien ftit 'il bogħod minnhom. Mistoqsi fuq saqajn l-imputat, xehed li huwa ma ndunax li s-Sur Polidano għandu difett f'saqajh, u kkonferma li ma kienx jaf fuq xiex PC1484 u s-Sur Polidano kienu qiegħdin jargumentaw. Saħaq illi huwa kien ħa l-karta tal-identità tas-Sur Polidano mingħand PC Tonna, u taha lis-Sur Polidano f'idejh. Huwa ċaħad li kienet saret tfittxija fil-karozza tas-Sur Polidano, u wisq anqas ra l-bieba ta' wara tinfetaħ. Qal ukoll illi ma kienx jaf fuq xiex ħarġu ċ-*charges,* peress li ma kienx hu li ħariġhom.

Permezz ta' affidavit, **PC 784 Darryl Buhagiar** spejga li huwa Membru tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, stazzjonat ġewwa s-Sezzjoni tat-Traffiku, u fit-3 ta' Settembru, 2020, għall-ħabta tal-16:35hrs, huwa kien qiegħed Triq l-Imqabba, limiti tas-Siġġiewi, flimkien ma' PC1484 E.Tonna u PC200 B.Delia. Xehed li għalkemm kienu fl-istess post, huma ma kinux eżatt fejn xulxin u għall-ħabta tal-16:35, huwa sema' xi għajjat ġej minn xufier ta' vettura, li ħdejh kien hemm PC1484 E.Tonna. Qal li kif sema' dan l-għajjat, huwa mar ħdejhom biex jagħti l-assistenza tiegħu u nnota vettura tal-għamla Range Rover, bin-numru tar-reġistrazzjoni PBL 111, li kienet twaqqfet minn PC1484. Saħaq illi l-affari skalat sew meta x-xufier Carmel Polidano niżel mill-vettura, minkejja li PC1484 taħ ordni biex jibqa' ġo fiha, u fetah il-bieba fuq PC1484. Qal li l-imputat Carmel Polidano beda jgħajjar u jinsulenta lil PC1484, u huwa flimkien ma' PC200, bdew jikkalmaw lil Carmel Polidano, u ftit wara tela' fil-vettura u saq.

In kontroeżami, PC748 Darryl Buhagiar spjega li ma kinitx kwistjoni ta' barra min hawn, għaliex ġieli ra ħafna agħar, filwaqt li kkonferma li l-Uffiċjal Tonna kien li waqqaf lis-Sur Polidano, u li hu u l-Uffiċjal l-ieħor kienu daqsxejn 'il bogħod minnhom. Ikkonferma wkoll li sakemm marru jaraw x'kien ġara, kien laħaq għadda ftit tal-ħin u li hu mar ħdejhom meta sema' l-istorbju. Qal li jista' jkun illi huwa kien ġabar il-karta tal-identità minn mal-art. Spjega li huwa ma nnutax li s-Sur Polidano kellu difett f'saqajh.

Spjega li dak li jiftakar huwa li kien hemm xi argument u għajjat, bl-imputat jiftaħ il-bieba, minkejja li PC1484 tah l-ordni biex ma jiftaħx il-bieba. Qal li seta' kien li PC1484 żamm il-bieb biex ma jiftaħhiex, iżda f'ħin minnhom il-bieba infetħet. L-Uffiċjal ikkonferma li PC Tonna mar jiċċekkja t-twieqi u l-bieba ta' wara, u li PC1484 kien fetaħ il-bieba ta' wara, u kkonferma wkoll li mill-Pulizija, ħadd ma kien weġġa. Mistoqsi fuq iċ-*charges*, huwa qal li ma jafx fuq xiex ħarġu ċ-*charges,* iżda jaf li s-sewwieq kien

ġie mwaqqaf fuq ħġieġ skur, però meta ċċekkjaw, irriżulta illi kienu tal-fabbrika. Mistoqsi fuq l-affidavit, huwa spjega li dawn jagħmluhom huma fil-ħin tagħhom u mhux quddiem xi ħadd, iżda mbagħad jieħdu l-ġurament fuqu u jiffirmah l-Ispettur tagħhom, u f'dan il-każ, huwa kien għamlu aktar minn tliet ġimgħat wara. Xehed li għalkemm skont it-timbru tad-data tal-affidavit kienu għaddew xahrejn mill-inċident, huwa ma kellux noti u kien mexa biss fuq il-memorja.

**L-imputat Carmel Polidano** xehed li huwa għandu erbgħa u sittin sena, ibati miz-zokkor u li kellu aċċident f'siequ, kawża ta' liema huwa jilbes żarbun apposta. Xehed li nhar ta' Ħamis, jaħslulu l-karozza tat-tip Land Rover, minħabba illi x-xogħol tiegħu fit-trab u jibqa' dieħel fuq is-*site* minħabba siequ. Qal li dakinhar tal-inċident, il-karozza kienet ġdida fjamanta, kien naddafha hu u fi triqtu lejn id-dar, kien sab *roadblock*. Spjega li huwa kien telaq mill-uffiċju, għadda minn Ta' Kandja, lejn iż-Żurrieq, biex jidhol lejn Ħal Safi, u kif qabeż Ta' Kandja lejn ir-*roundabout* tas-Siġġiewi, sab *road block.*

Spjega li kien hemm xi tliet karozzi quddiemu, u kien hemm Pulizija li talbu biex jidħol warajh. Kompla jgħid li lill-karozzi li kien hemm quddiemu, l-Pulizija qalilhom biex isuqu. Żied li kien żmien il-Covid u l-Pulizija kien bil-maskla u hu libes il-maskla wkoll, għax kien induna li ser iwaqqfu, bil-Pulizija jmur ħdejh u jistaqsih kif ma jistħix għandu karozza bil-ħġieġ *tinted.* Spjega li huwa daħak, peress li ħaseb li l-Pulizija kien qed jiċċajta, speċjalment in vista tal-fatt li l-karozza kienet għadha ġdida u kienet nadifa, bil-ħġieġ mill-fabbrika. Xehed li l-Pulizija ma kienx qiegħed ikellmu sew u li kien "ġie qisu monstru". Żied jgħid li l-Pulizija talbu l-karta tal-identità u resaq lura. Spjega li peress li saqajh ma tagħtihx, huwa fetaħ il-bieba tal-karozza sabiex joħroġ il-karta tal-identità mill-kartiera, li kienet fil-qalziet fil-but ta' wara, u hekk kif il-Pulizija rah jiftaħ il-bieba, irranka għalih, qabadlu siequ bejn il-bieba. Xehed li huwa beda jimbotta il-bieba biex ma jkomplix ikissirlu siequ, għax il-Professur Mark Portelli u Massimo Abela kienu qalulu li jekk ikollu ġerħa, ser ikollu aktar problemi minħabba d-diabete. Qal li huwa sa anke mar il-Ġermanja biex jipprova jirranġa siequ, iżda ma rnexxilux u għandu anke *blue card* tad-*disabled* mal-*windscreen*.

Qal li l-Pulizija dam madwar għoxrin minuta sakemm ħadlu d-dettalji minn fuq l-ID Card u mistoqsi jispjega aktar, huwa qal li huwa beda jgħajjat biex ma jkomplix iweġġalu siequ, tant li meta mar lura d-dar, sabha ftit fil-blu. Kompla jgħid li waqt li dan il-Pulizija kien qiegħed jimbottalu l-bieba, beda jgħajjru u jwerżaq, bil-Pulizija jgħid li huwa kien qed jidgħi. Żied jgħid li l-Uffiċjal werwru. Spjega li dak il-ħin kien

hemm Pulizija ieħor u l-Pulizija li waqqfu qal lill-Pulizija l-ieħor, biex jieħu ritratt tal-ID Card u tefaha mal-art u ġabarha l-Pulizija Buhagiar. Saħaq illi kien hemm ħafna traffiku u kien hemm nies iħarsu lejh u jistaqsuh jekk kienx ġralu xi ħaġa.

Saħaq illi ma setax jifhem għalfejn dan il-Pulizija kellu din ir-rabja kbira għalih u ma setax jifhem għalfejn qabżitlu b'dan il-mod. Fil-fatt qal illi l-vuċi ta' dan il-Pulizija kienet għolja mill-bidu u l-Pulizija l-oħra kienu ftit il-bogħod, iżda meta rawhom jissaraw mal-bieba, marru ħdejhom. Xehed illi kien qallu lill-Pulizija li l-ħġieġ kien hekk mill-fabbrika.

L-imputat xehed li minħabba li ma kellu l-ebda ġerħa, kien iddeċieda illi ma jirrapurtahx, iżda wara tliet xhur u nofs, irċievha t-tahrika li huwa kien ħebb għal Pulizija. Huwa qal li huwa kien għolla jdejh biex jagħtih l-ID Card u l-Pulizija ħatafha, filwaqt li telaq wara l-karozza. Huwa nnega li huwa prova jagħti daqqa ta' bieba lill-Uffiċjal tal-Pulizija, filwaqt li ammetta li huwa kien qallu kliem bħal 'kummidjant' u 'buffu', għaliex il-Pulizija kien qallu 'x'taħseb int xi Amerikan kulhadd jibża' minnek?'. Kompla jixhed li l-Pulizija għamel madwar 20 minuta biex ħa d-dettalji minn fuq l-ID Card, u rema l-ID Card mal-art. Kompla jgħid li l-karta tal-identità nstabet minn Pulizija ieħor għax huwa ma setax jiċċaqlaq minħabba saqajh.

Saħaq illi l-Pulizija kien waqqfu milli jiftaħ il-bieba, għax ħaseb li kien ser joħroġ għalih, mentri huwa ried joħroġ biex ikun jista' jagħtih l-ID Card, iżda ma jiftakarx jekk kienx ħareġ mill-karozza. Xehed li l-Pulizija ried jara l-bagoll tal-karozza, huwa fetħu bir-*remote* u ħallih jiċċekkjah, iżda ma kienx ċert eżatt x'kien għamel. Ix-xhud kompla jisħaq illi huwa ried jaħfirlu u li għadu jrid jaħfirlu sa issa, għaliex ma kellu l-ebda ġerħa u ma setax jifhem għalfejn il-Pulizija kabbarha daqshekk din l-istorja. Kompla jinsisti li t-tort kien kollu tal-Pulizija, li minkejja li huwa qatt ma kien rah, beda jaħseb li kellu għalih.

In kontroeżami, l-imputat qal li huwa ma kienx qallu lill-Pulizija, li kien ser joħroġ biex jagħtih l-ID Card, iżda huwa saħaq li mill-atteġġjament li kien qiegħed jagħmel il-Pulizija, kien qiegħed jurih li kien jafu. Spjega li l-uniku ħaġa li kien qallu kienet, li din il-karozza ħarigħa ġdida u mhux *second hand* u li l-ħġieġ ħarġu hekk mill-fabbrika. Spjega li wara li l-Pulizija talbu l-ID Card, l-istess Pulizija qallu 'x'taħseb li int?' u fil-fehma tiegħu, l-istess Pulizija beda jagħmel minn kollox biex jaqla' argument miegħu.

**Massimo Abela** xehed li huwa *Consultant Orthopaedic and Trauma Surgeon,* Mater Dei u fil-privat, u qal li s-Sur Polidano ilu pazjent tiegħu għal diversi snin. Spjega li Polidano kien ibati minn kundizzjoni tissejjaħ Neuropathy, li hija kundizzjoni li taffetwa n-nervituri tas-saqajn, riżultat ta' diabete f'dan il-każ. Spjega li din il-kundizzjoni twassal għal ċirkolazzjoni dgħajfa fis-saqajn, u pazjent li jkollu *Neuropathy* huwa iktar suxxettibbli li jkollu ġrieħi f'saqajh. Qal li pazjenti bħal Polidano, ikunu mweġġgħin minħabba t-tnemnim, iżda ħafna drabi ma jħossux uġigħ ieħor, bil-konsegwenza li huma riskju għoli li jitilfu il-pala ta' saqajhom. Saħaq li meta wieħed ikollu din il-kundizzjoni, iż-żraben normali jistgħu iwasslu għal ġrieħi u jkollhom bżonn *orthopeadic shoes* u suletti speċjali, li jkunu wiesgħa iktar minn żraben normali. Spjega li dawn iż-żraben jiġu preskritti u jinxtraw minn ħwienet speċjalizzati. Kompla jgħid li pazjenti li jbatu minn *Diabetic Neuropathy,* ikunu avżati biex jieħdu ħafna ħsieb saqajhom, minħabba illi jdumu biex ifiequ. Spjega li l-problema hija li minħabba illi ma tħossx il-ġerħa li qed tiżviluppa, b'riżultat ta' infezzjonijiet u nuqqas ta' ċirkolazzjoni, tibqa' tiela' lejn il-qasba tas-sieq. Żied li anke fejn jidħlu dwiefer u *pathologist services*, trid tmur għand nies speċjalizzati f'din il-kundizzjoni. Spjega wkoll li persuni bħas-Sur Polidano li għandhom din il-kundizzjoni, ikollhom il-biża li ser jitilfu sieqhom u jibżgħu meta jaraw xi ħadd ħa jmissilhom sieqhom.

**Ikkunsidrat;**

Qabel ma' din il-Qorti tgħaddi sabiex teżamina l-provi, fid-dawl tal-imputazzjonijiet imressqa kontra l-imputat, sejra fl-ewwel lok, teżamina l-argument imressaq mid-difiża, fis-sens li d-data tal-imputazzjoni jista' jkun li hija skorretta. Permezz ta' verbal magħmul fis-17 ta' Ġunju, 2022, id-difiża ssottolinjat li d-data ta' 3 ta' Settembru, 2020, hija l-ġurnata tal-Ħamis, u mhux kif jingħad fix-xhieda tal-Uffiċjali PC200 u PC 784. PC 1484, fix-xhieda tiegħu, ma jiftakarx il-ġurnata x'kienet. Da parti tiegħu, l-imputat ukoll saħaq li kienet il-ġurnata tas-Sibt. Il-Prosekuzzjoni, nonostante dan il-verbal, baqgħet qatt ma talbet l-ebda korrezzjoni fl-imputazzjoni, jew lanqas ma għamlet xi tip ta' verifiki, biex tiġi kkonfermata d-data preċiża, meta allegatament seħħ dan l-inċident.

Għalhekk, il-Qorti hija rinfaċċata b'data li taħbat il-Ħamis, iżda mix-xhieda ta' żewġ Uffiċjali tal-Pulizija u tal-imputat, jirriżulta li l-allegat inċident ġara fil-ġurnata tas-Sibt.

F'dan l-isfond, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija [Spettur Kylie Borg] vs Paul Fenech,** deċiża fis-6 ta' Mejju, 2019, fejn intqal:

> *"Minkejja dan id-difiza fit-trattazzjoni taghha rrilevat li l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih u dan minhabba zball fid-data inkriminata.*
>
> *In effetti l-Qorti tinnota li l-akkuzi odjerni huma bbazati fuq skrittura li ggib bhala data t-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009). Minkejja dan, id-data inkriminata kif jidher mic-citazzjoni a folio 1 tal-process taqra hekk: "id-9 ta' Jannar 2012, u/jew fil-jiem ta' qabel".*
>
> *Illi d-difiza rrilevat li l-imputat ma jistax jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontrih stante li hemm diskrepanza ta' kwazi sentejn u xahrejn bejn id-data meta giet iffirmata l-iskrittura u d-data inkriminata.*
>
> *Il-Qorti tirrileva li l-Prosekuzzjoni bbazat il-kawza taghha fuq din l-iskrittura tat-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) tant li l-Ufficjal Prosekutur ghamlet referenza ghal tali skrittura kull darba li hija resqet persuna biex tixhed.*
>
> *Illi ma hemmx dubju li l-Prosekuzzjoni kellha tindika t-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) bhala d-data inkriminata u mhux id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012). Il-Qorti tinnota li fl-istess data inkriminata hemm ukoll imnizzlin il-kliem: "u/jew fil-jiem ta' qabel." Minkejja dan it-tifsira tal-kliem "fil-jiem ta' qabel" certament ma tistax tigi mgebbda ghal sentejn u xahrejn.*
>
> *F'dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Polidano moghtija fis-26 ta' Ottubru 2016 fejn gie ritenut is-segwenti: "Jigi stabbilit illi l-kliem 'fil-granet ta' qabel' certament jirrestringi l-perjodu ghal mhux aktar minn gimgha."*

*Illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. In effetti r-reat irid jikkombacja mad-data inkriminata. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa li giet deciza fil-31 ta' Mejju 2017 fejn l-istess Qorti rriteniet is-segwenti: "Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: Ic-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw…..". L-istess Qorti imbaghad taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa fejn kien hemm zball fil-hin ta' meta sehh l-incident fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li: "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament." Il-Qorti fil-kawza kontra Nicole Anne Testa kompliet billi ddecidiet hekk: "il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan  ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. … Illi il-Qorti ftit ghandha x'izzid meta rinfaccjata b'dan id-difett procedurali billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal data ohra u mhux dik meta sehh dan is-sinistru stradali biex b'hekk l-appellanti qatt ma tista' tigi misjuba hatja li wettqet ir-reati addebitati fil-gurnata indikata fic-citazzjoni, u cioe' dik tal-05 ta' Mejju 2015, billi kellu jirrizulta mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni illi dawk ir-reati sehhew f'jum iehor."*

*Illi fil-kaz odjern il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet korrezzjoni tad-data inkriminata u in oltre l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex turi li l-firma li giet iffalsifikata saret fid-disgha (9) ta' Jannar elfejn u tnax (2012) jew gimgha qabel tali data u mhux fit-tletin (30) ta' Novembru elfejn u disgha (2009).*

*Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati tal-ewwel (1) akkuza."*

Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **The Police (Inspector Jean Paul Attard) vs Mitchel Ricardo Antonius Virginia (Dutch Identity Card number IH2451841)**, deċiża fl-14 ta' Frar, 2022, intqal:

*"In the present case, the accused is being charged with having committed the offence of aggravated theft on the night between 24th November and 25th November 2021.*

*As stated above, he pleaded guilty to the charges brought against him. Yet, from the records of the proceedings, the Court has serious doubts as to whether the mentioned offence actually took place on the night indicated in the charges. In this respect, the Court notes that during the testimony given by Giuseppe Giudice in the sitting of 27th November 2021, the Prosecuting Officer asked the witness about what happened between the night of 25th and 26th November 2021 and the said witness explained how he had left his hotel room at about 10:30 p.m. and returned at 3.30 a.m., referring also to the items that had gone missing from the said room. Likewise, in the said sitting, witness Melissa Ruggiero testified in connection with the events of the night of 25th and 26th November 2021 following the reference made to her to the said night by the Prosecuting Officer.*

*The Court further notes that from the accused's statement of 26th November 2021, it results that the said accused was questioned by the Investigating Officer about the night between 25th and 26th November 2021. Thus, the said Officer questioned the accused about his whereabouts "during the night of 25/11/2021 to 26/11/2021", about what he was wearing "during the night of 25/11/2021 – 26/11/2021" and if he knew anything about the theft from Room 308 in St. Julian's Bay Hotel "during the night of 25/11/2021 – 26/11/2021". In addition, to the question as to whether there was anything that he wished to add, remove or change from his statement, the accused answered inter alia that "last night is a blur to me" [emphasis of the Court] thus referring to the night between the 25th and 26th November 2021, considering that hisstatement was taken on 26th November 2021 at 18.10 hrs.*

*Furthermore the Court notes that although the application filed by the Commissioner of Police on 27th November 2021 refers to the date of the accused's arrest as 25th November 2021, which would imply that the theft could not have occurred on the night between 25th and 26th November 2021, yet the declaration of the accused refusing legal assistance, also signed by the said accused, refers to the accused having been arrested on 26th November 2021 at 2:45 p.m.*

*Thus, notwithstanding the fact that the accused has filed a guilty plea in this case, considering the above and considering that the theft charge refers to the night between the 24th and 25th November 2021, the Court has a reasonable doubt as to the guilt of the accused in respect of the offence as indicated in the first charge. Section 360(2) of Chapter 9 of the Laws of Malta states that:*

*"The summons shall contain a clear designation of the person summoned and a brief statement of the facts of the charge together with such particulars as to time and place as it may be necessary or practicable to give …".*

*In its judgement of 19th November 2015 in the case Il-Pulizija vs Andre` Falzon, the Court of Criminal Appeal referred to another judgement given by the said Court, as differently presided, on 18th October 2005 in the case Il-Pulizija vs John Mary Briffa, where the appellant had been charged with offences that allegedly took place at around 7.30 p.m., whereas the evidence brought referred to an incident that had occurred at around 7.30 a.m.. In that case, it was held that:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta'" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament."*

*In Il-Pulizija vs Andre` Falzon, in which case the accused had also filed a guilty plea before the Court of Magistrates as in the present case, after referring also to other judgements which confirmed this same principle (Pulizija vs Warren Piscopo and Pulizija vs Rita Theuma, both decided by the Court of Criminal Appeal on 19th October 2011), the Court continued as follows:*

*"Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l-akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussistu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati."*

*It is therefore clear in this case, that since the theft charge refers to the night between the 24th November 2021 and 25th November 2021, whereas the records of the proceedings refer to the facts leading to the said charge as having occurred on the night between the 25th November 2021 and 26th November 2021, the accused cannot be found guilty of the offence of theft as charged."*

Din il-Qorti qed tagħmel tagħha, l-insenjamenti riprodotti f'din is-sentenza hawn fuq ċitata.

Tagħmel referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Jesmond Seguna,** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 2023, fejn ġie ritenut is-segwenti:

*"Illi fil-kawza il-Pulizija vs Jefrin Grech, deciza mill-Qorti tal-Appell per Imh. Dr. A Bugeja gie ritenut li:*

*"51. Apparti minn hekk anke l-lokuzzjoni wiesa li tinkludi jiem u xhur, ghalkemm hija lokuzzjoni li hija accettata minn dawn il-Qrati xorta wahda trid tigi uzata b'certa attenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-lokuzzjoni ghandha tinghata t-tifsira ordinarja skont il-kalendarju.*

*B'hekk il-kalendarju ghandu kliem li jirriflettu kuncetti termporali specifici. Erba' u ghoxrin siegha jaghmlu jum. Tmienja u ghoxrin jum jew disa' u ghoxin jum jistghu jaghmlu x-xahar ta' Frar skont f'liema sena dak ix-xahar jahbat; daqs kemm tletin jew wiehed u tletin jum isawru l-kumplament tax-xhur skont il-kalendarju. Millbanda l-ohra sebat ijiem jaghmlu gimgha daqskemm erba' jew hames gimghat, skont kif jahbtu, jaghmlu wkoll xahar. Izda bla dubju tnax il-xahar jaghmel sena.*

*52. Mistqarr dan kollu b'hekk meta din il-Qorti tigi konfrontata b'lokuzzjoni akkuzatorja li tghid "f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara" Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha tinterpreta din il-lokuzzjoni temporali bhala li tirreferi ghax-xahar ta' Lulju kollu, inkluz il- jiem u xhur ta' wara. Din il-frazi filwaqt li tinkludi "xhur", ma ssemmix "snin". Minn din il- lokuzzjoni tat-tieni imputazzjoni Qorti tista' tinferixxi li l-intenzjoni tal-Prosekutur kienet li jixli lill-imputat bir-reat de quo kif allegatament minnu kommess bejn ix-xahar ta' Lulju 2006 u x-xhur ta' wara li pero ma jinkludix ukoll snin ta' wara, in kwantu li kieku dik kienet l-intenzjoni tal-Prosekutur huwa kien ikun aktar car u specifiku li jindika l-kelma "snin". Verament li ghadd kbir ta' xhur jista' wkoll jikkostitwixxi snin. Izda l-Ligi kriminali ma tistax tigi interpretata b'dan il-mod daqshekk laxk u wiesa. Ir-riferenza ghal xhur ghandha tkun ristretta ghal ammont ta' xhur f'kalendarju li ma jaghmlux flimkien aktar minn sena. Ghalhekk il-kelma "xhur" ghandha tinftiehem li tinkludi sa massimu ta' total ta' tnax il- xahar inkluz ix-xahar li ghalih tkun qed issir ir-riferenza fl-att akkuzatorju."*

*Sitwazzjoni simili kienet ukoll giet trattata fil-kawza fl-ismijiet il-Pulizija vs Pauline Fenech, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-11 ta' Jannar 2022 fejn il-Qorti iddikjarat li:*

*"Kif inghad, l-imputata giet mixlija illi kkommettiet ir-reati lkoll addebitati lilha fic- Čitazzjoni "Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel".*

*Isegwi ghalhekk illi kif impostata, I- imputazzjonijiet jirreferu necessarjament ghal fatti li graw f'Mejju 2012 jew f'xhur antecedenti dik id-data. Filwaqt li bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal- fatti li ghalihom jirreferu l-imputazzjonijiet jista' jitqies li gie estiz ghal diversi xhur qabel Mejju 2012, il-Qorti pero' tqis illi l-parametri tal-kelma "xhur", b'mod generali, ghandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data specifikata u ma jistghu qatt jiggebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu sehhew sitta, seba' jew tmien xhur jew iktar, qabel. Wisq anqas ma jistghu jidhlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta'*

*qabel", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni, f'dan il-kaz Mejju 2012 ghaliex iz-zmien indikat fl-akkuza jirreferi ghal "xhur ta' qabel" Mejju 2012 u mhux "is-snin ta' qabel" Mejju 2012.*

*Konsegwentement, il-Qorti tqis illi ghall-fini tar-reati addebitati lill-imputata fic- Citazzjoni, tista' tinsab htija biss jekk ikun jirrizulta li dawn ir-reati gew kommessi mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem izda mhux qabel din id-data."*

*Illi kwindi bl-istess ragunament adoperat mill-Qrati taghna, fil-kaz in kwistjoni, l-uzu tal- kliem "19 ta' April 2020 jew fil-granet ta' qabel" jinkludi id-19 ta' April 2020 u s-sebat ijiem ta' qabel biss, u dan skond l-applikazzjoni ta' tifsira ordinarja skond il-kalendarju. Dan qed jinghad ghaliex altrimenti jekk il-prosekuzzjoni riedet tindika perjodu temporali itwal kellha tuza l-kliem "il-gimghat ta' qabel" jew "xhur ta' qabel" skond il-kaz.*

*Illi kwindi ukoll allura kien jispetta lill-prosekuzzjoni li tressaq provi sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni li l-allegat ragion fattasi sehh fid-19 ta' April 2020 u/jew is-sebat ijiem ta' qabel u mhux f'xi data kwalsiasi ohra f'April jew xahar iehor.*

*Illi tali insenjament huwa ormai assodat f'gurisprudenza kopjuza fejn inghad diversi drabi li d-data fic-citazzjoni hija fattur importanti u li jekk ma jigix sufficjentament pruvat allura dan ghandu jwassal ghall-liberazzjoni.*

*Illi in sostenn ta' dan il-punt l-esponenti jaghmel referenza ghas-segwenti sentenzi sabiex juri kif il-Qrati dejjem iddikjaraw lill-imputat mhux hati meta kien hemm zball fid-data tal- akkuza, jew fil-hin li fih gie kommess ir-reat. Infatti kien hemm kawzi fejn l-imputat gie liberat minhabba zball fil-hin (ghalkemm id-data kienet korretta), multo magis allura id- data hija fattur importantissimu f'citazzjoni.*

*Illi sentenzi klassici li ta' sikwit jigu ccitati u li kienu jitrattaw zball fid-data, fil-hin jew fil- lok ta' fejn sehh l-allegat reat u li minhabba l-imputat kien gie liberat huma:*

- *Il-Pulizija vs John Mary Briffa, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Ottubru 2005*

- *Il-Pulizija vs Nicolai Magrin, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Marzu 2008*

*• Il-Pulizija vs Warren Piscopo u l-Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti tal-Appell*

*Illi iktar ricenti, fil-kawza l-Pulizija vs Raymond Xerri et., deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Jannar 2017, il-Qorti illiberat lill-appellant wara li ddikjarat li:*

*"......il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il- fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin."*

*Fil-kaz Il-Pulizija vs Charles Sciberras, deciz mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-30 ta' Novembru 20161, il-Qorti, ghalkemm sabet lill-imputat hati ta' xi imputazzjonijiet, però illiberat lill-esponenti mill-akkuza ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest ghaliex irriteniet li:*

*"Jekk xejn il-Prosekuzzjoni resqet provi fis-sens li l-imputat wettaq reat fl-ewwel ta' Lulju 2014 ghall-habta tal-10.05hrs ta' filghodu gewwa l-Imsida izda l- Prosekuzzjoni u ma ppruvatx li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest ghall-habta ta' 10.05hrs ta' filghaxija skont kif gie msemmi fic- citazzjoni! A differenza ta' dak li intgal aktar il-fuq, id-dettall tal-hin jista' jitqies li huwa wiehed mill-kriterji li huwa mehtieg mill-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali (partikolaritajiet ta' zmien) u f'kaz bhal dan jassumi rwol importanti biex ikun jista' jitqies jekk ir-reat ikunx integrat o meno."*

*Fil-kawza il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2012 li rreferiet ukoll ghal gurisprudenza ohra tal-Qorti tal-Appell, ukoll deheret l- importanza li jkun hemm dettalji korretti dwar il-hin u d-data tal-akkuza, fid-dawl tal- artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali. F'dan il-kaz il-hin fic-citazzjoni kien indikat bhala ghall- habta ta' xil-hdax ta' filghaxija, izda mill-provi kien jirrizulta li l-incident sehh ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu, u konsegwentament minhabba din id-diskrepanza l-Qorti kienet ghaddiet biex tillibera lill-imputati.*

*...Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant*

*f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill- appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl- imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' " tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il- prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il- korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

*Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom addebietati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-hdax ta' fil-ghaxija meta il-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fit-tlieta u nofs ta' fil-ghodu.*

*Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u tilliberahom minnhom."*

*Illi tant id-data hija element importantissimu li jrid jigi pruvat, li anke fejn kien hemm ammissjoni l-Qorti tal-Appell waslet biex tillibera lill-appellant minhabba zball fid-data fuq ic-citazzjoni. Illi infatti fil-kawza il-Pulizija vs André Falzon, deciza mill-Qorti tal-Appell per Imh. Dr. Edwina Grima, nhar id-19 ta' Novembru 2015, nonostante li l-imputat kien ammetta l-imputazzjonijiet kontra tieghu quddiem l-Ewwel Qorti, in vista tal-fatt li kien irrizulta li kien hemm zball fic-citazzjoni rigward id-data ta' meta gie kommess ir-reat il- Qorti illiberat lill-appellant.*

*Illi sentenza ohra li trattat dan il-punt dwar id-dettalji fic-citazzjoni u l-importanza li jigu pruvati hija il-Pulizija vs Kurt Falzon, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru 2021 mill-Imhallef Dr. A Bugeja, li ukoll trattat kaz ta' ragion fattasi, fejn hemmhekk il-Qorti wara li ghamlet rassenja tal-gurisprudenza relevanti anke tul is-snin li ghaddew u dahlet fil-kwistjoni tal-*

*insenjamenti dwar ic-citazzjoni bhala avviso di comparire, xorta wahda illiberat lill-appellanti minhabba zball fid-data:*

*"36. Is-sitwazzjoni fil-kaz odjern hija tali li l-Prosekuzzjoni xliet lillappellat li wettaq reat f'data u hin partikolari u l-provi prodotti wrew li huwa wettaq ir-reat f'data differenti minn dik li giet imputata lilu. Irrizulta wkoll li ma saret ebda korrezzjoni tal-partikolaritajiet taz-zmien u hin imputati fl-istadju debitu. Din ghalhekk mhix kwistjoni ta' kunflitt bejn zewgt xhieda dwar id-data ta' meta twettaq ir-reat f'kuntest fejn iz-zewgt dati jkunu gew koperti bil-parametri ta' zmien u hin indikati fl-avviz. Dan ikun jista' jitqies bhala kunflitt fil-verzjonijiet moghtija fil-kors tas-smiegh tax-xiehda u li jista' jkollu certi konsegwenzi fuq il-gudizzju.*

*37. Il-kaz odjern huwa tali li jindika, anke minn certi twegibiet tal-parte civile stess, li l- partikolarita taz-zmien indikata fl-avviz setghet kienet zbaljata, jew almenu incerta. Din ma gietx b'xi mod korretta fl-istadju procedurali debitu; u biex il-Qorti tkun cara, din mhux dejjem tkun tort tal-Prosekuzzjoni. B'hekk ikun jirrizulta li l-prova dwar meta jkun gie mwettaq ir-reat de quo ma tkunx koperta in kwantu tkun taqa' barra mill-parametri taz-zmien li fih il-Prosekuzzjoni tkun qeghda tixli lill-imputat.*

*38. F'dan il-kaz jirrizulta li hemm element ta' konfuzjoni dwar meta effettivament inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tar-residenza tal-konjugi Falzon - konfuzjoni li fil-kamp penali ma tistax timmilita favur sejbien ta' htija - in kwantu sabiex tinstab htija din tkun trid tistrieh fuq provi sikuri u mhux provi incerti jew konfuzi....*

*45. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn it-tibdil seta' sehh fl-24 ta' Ottubru daqskemm fil-25 t' Ottubru skont l-appellat jew inkella fis-26 ta' Ottubru daqskemm fis-27 ta' Ottubru skont il-parte civile. Din il-Qorti tistqarr li mhux l-ewwel darba li Qorti jkollha sitwazzjoni fejn mill- provi ma tkunx tirrizulta d-data preciza ta' meta jkun sehh l-ispoll anki ghaliex f'kazijiet ta' din in-natura, is-suggett attiv tar-reat ikun normalment agixxa bil-mohbi u ghalhekk ikun sussegwentement sar ir-rapport mal-Pulizija da parte tas-suggett passiv tar-reat meta dan tal-ahhar effettivament ikun induna li jkun gie hekk turbat fil-pussess tieghu. Izda, f'dan il-kaz partikolari, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet marbuta bid-dicitura tac-citazzjoni liema citazzjoni ndikat data preciza u mhux zmien approssimattiv ta' meta effettivament sehhet ir-ragion fattasi.*

*Dan ifisser illi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawzi John Mary Briffa, Rita Theuma u Warren Piscopo rispettivament, isib applikazzjoni f'dan il-kaz. Ghalhekk, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma setghetx issib htija fl- appellat ghal tibdil fis-serratura li sehh nhar is-27 ta' Ottubru 2017 in kwantu jirrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 il-parte civile ndunat bit-tibdil imma mhux li fis-27 ta' Ottubru 2017 kien sehh it-tibdil fis-serraturi.*

*47. F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ghazlet li tintrabat esklussivament mad-data tas-27 t'Ottubru 2017; u fl-avviz ma saret ebda riferenza ghal zmien qabel din id-data. Dan qieghed jinghad b'mod partikolari ghaliex din il-Qorti tais li r-reat ikkontemplat mid- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali huwa reat ta' natura istantanja allavolja l-effetti tieghu jaf ikunu ta' natura duratura jew permanenti.*

*52. Dan ikun ifisser ghalhekk li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet korretta fid-decizjoni taghha li tikkunsidra li l-azzjoni kif proposta mill-Prosekuzzjoni kontra Kurt FALZON ma setghetx tirnexxi. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet korretta wkoll fir-ragunament taghha li ghalkemm jirrizultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-elementi li jsawru r-reat ta' ragion fattasi, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfacentement li dan twettaq fil-parametri temporali hekk ipprezentati fic-citazzjoni kontra l-imputat qua appellat. In oltre, ma jirrizultax li ntalbet xi korrezzjoni tal-imputazzjoni saz-zminijiet opportuni. Ghaldaqstant, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) setghet kemm legalment kif ukoll ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni taghha li tillibera lill-imputat qua appellat."*

*Sentenzi ohra li gew decizi similarment bl-applikazzjoni tal-insenjamenti supra kienu:*

*•The Police vs Mohammed Hussein Abdi, decided by the Court of Appeal on the 18th of December 2017*

*• Il-Pulizja vs John Paul Azzopardi, deciza nhar it-30 ta' Novembru, 2017 mill-Qorti tal-Appell*

*• Il-Pulizija vs John Tanti, deciza nhar il-31 ta' Lulju 2019 mill-Qorti tal-Appell*

*Maghmula dawn is-sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni tad-data u l-hin fic-citazzjoni, l- esponenti jaghmel referenza ghall-kawza il-Pulizija vs Rita*

*Zammit, deciza mill-Qorti tal- Appell nhar l-14 ta' April 2005 liema kawza tigi spiss citata mill-Qrati meta jitrattaw zball f'dettalji bhala data u hin fic-citazzjoni. Fil-kaz odjern, l-Avukat Generali kien intavola appell wara li l-imputata giet liberata minhabba zball fid-data tal-akkuza, fejn l-Avukat Generali kien ilmenta li l-Ewwel Qorti kienet skorretta li ma laqghetx it-talba tal- prosekuzzjoni ghall-korrezzjoni tad-data. Il-Qorti tal-Appell hawnhekk kienet cahdet I- appell tal-Avukat Generali u kienet iddikjarat is-segwenti:*

*"Ghal kull buon fini pero' jigi osservat bhala linea ta' gwida li l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma lagghetx it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni f' cirkostanza tant materjali w sostanzjali bhal ma hija d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat, wara li mhux biss kienu gew konkjuzi l-provi tal-prosekuzzjoni, imma sahansitra kienet xehdet l-appellata u ghalqet il-provi taghha w saret it-trattazzjoni mid-difiza w sahansitra l-kawza kienet gja differita ghas-sentenza. Meta l-appellata ddecidiet li toffri x-xhieda taghha, hija kellha sitwazzjoni kristallizata quddiemha u cioe' serje ta' provi li kollha jindikaw li l-allegat reat kien gara xaharejn qabel id-data indikata, sia pure erronjament millprosekuzzjoni, fl- akkuza. Ghalhekk meta ppreparat id-difiza taghha kellha kull dritt tistenna li ma jiccaqalqux illasti w l-parametri tal-akkuza minn dawk li kienu sa millbidu nett tal- kawza.*

*Altrimenti, kieku jigu ammessi korrezzjonijiet ta' natura hekk sostanzjali, wara li jkun xehed l-akkuzat u d-difiza tkun ghalqet il-kaz taghha, dan ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu talpersuna akkuzata w tali agir, apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq, ikun qed ikun ingust mad-difiza w mall-akkuzat b' mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli."*

*....In oltre, issa jmiss lil din il-Qorti sabiex tikkwota l-Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali u sussegwentament tifli l-gurisprudenza f'dan ir-rigward, fosthom dawk ikkwotati mill-appellant innifsu.*

*L-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:*

*'Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqaquddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi filmandat.' (Enfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija [Spettur Gabriel Micallef] vs Andre' Falzon' gie kkunsidrat li:*

*'Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l- inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il- mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta'l-appellanti.*

*Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

*Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil- kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li*

*huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

*Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi lProsekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l- akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussitu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Pierre Micellef Grimaud) vs Christopher Ryan iben Mark, imwieled Pieta', fit-12 ta' Gunju, 1994, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 297494(M) U Joshua Xerri iben Gaetano, imwieled Pieta', fid-19 ta' Otturbu, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 571991 (M) gie kkunsidrat:*

*'Illi l-appellati gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati taht arrest fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2011 akkuzat b'diversi reati li allegatament sehhew fit-12 ta' Dicembru, 2011. Illi l-provi bdew jinstemghu u l-ewwel Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2011 rat illi hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza u irrinvjat l-atti lill-Avukat Generali skont il-ligi.*

*Illi minn dak in-nhar sal-4 ta' Ottubru, 2012 kien hemm hames okkazzjonijiet fejn l-atti tal-kawza gew rinvjati lill-Avukat Generali.*

*Minbarra, dan fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2012 il-Prosekuzzjoni ipprezentat mill-gdid l-akkuzi. Fil-fatt, dawn kienu jirrigwardaw akkuzi specifiki lill-appellat Christopher Ryan, wahda li tirrigwarda r-recidiva u ohra dwar ksur ta' sentenza sospiza. Ghandu jinghad li l-akkuza tar-recidiva ma ssibx ruhha fil-korp tas-sentenza. Dawn l-akkuzi godda wkoll jirreferu ghad-data tat-12 ta' Dicembru, 2011.*

*Illi l-Avukat Generali appellant iddikjara li l-Prosekuzzjoni talbet il-korrezzjoni tad-data. Din id-dikjarazzjoni ma tirrizulta minn ebda verbal u kieku l-*

*prosekuzzjoni talbet tali korrezzjoni u l-Qorti ma laqtax tali talba l-prassi dejjem segwita hi li titlob lill-Qorti biex tivverbalizza t- talba tieghek u il-Qorti tiehu provvediment in materja. Minn dan kollu ma hemm xejn.*

*Illi hu car li hemm zball fid-data ta' meta graw il-fatti kif intqal fuq. Ghall-korrettezza ghandu jinghad li kemm il-prosekuzzjoni f'darbtejn, kif ukoll l-Avukat Generali matul il-kors kollu tal-kawza flew kemm il-darba l-inkartament. Din il-Qorti ssibha ferm stramba kif hadd ma nduna bi zball ta' tali proporzjoni.*

*Illi l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-ewwel Qorti zbaljat meta helset lill-appellati mill-osservanza tal-gudizzju a bazi ta' zball ta' data meta gew kommessi l-allegat reati. Fil-korp tar-rikors tieghu ghamel referenza ghall-zewg sentenzi li javallaw it-tezi tieghu. Min-naha tal-appellati l-abbli difensuri ndikaw lill-Qorti gurisprudenza aktar recenti ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li jimmilataw favur l-argumenti taghhom li kien hemm l-opportunita' biex dan l-izball jigi sanat izda la l-prosekuzzjoni u lanqas l-Avukat Generali ma talbu sanatorja ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha. Hawnhekk, ghandha ssir referenza ghall-zewg appelli decizi t-tnejn fid-19 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijjet Il-Pulizija v. Warren Piscopo u Il-Pulizija v. Ruth Theuma (it-tnejn per Imhallef David Scicluna). F'dawn iz-zewg sentenzi l-meritu kien il-hin u l-Qorti laqghet it-talba li kien hemm hinijiet differenti minn meta allegatament sar ir-reat ghal meta fil-fatt realment sar l-allegat reat.*

*Illi f'dan il-kawza, hawnhekk qed nitkellmu dwar avarija ta' ghaxar tijiem u f'dan il-process kien hemm wisq opportunitajiet biex jigi senat tali zball.*

*Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li lahqet tali decizjoni anki fuq l-iskorta tas-sentenzi hawn fuq indikati.'*

*Illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. In effetti r-reat irid jikkombacja mad-data inkriminata. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa li giet deciza fil-31 ta' Mejju 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn din tal-ahhar rriteniet is-segwenti:*

*"Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw…..". L-istess Qorti imbaghad*

*taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa fejn kien hemm zball fil-hin ta' meta sehh l-incident fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li: "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'limputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament." Il-Qorti fil-kawza kontra Nicole Anne Testa kompliet billi ddecidiet hekk: "il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. … Illi il-Qorti ftit ghandha x'izzid meta rinfaccjata b'dan id-difett procedurali billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal data ohra u mhux dik meta sehh dan is-sinistru stradali biex b'hekk l-appellanti qatt ma tista' tigi misjuba hatja li wettqet ir-reati addebitati fil-gurnata indikata fic-citazzjoni, u cioe' dik tal-05 ta' Mejju 2015, billi kellu jirrizulta mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni illi dawk ir-reati sehhew f'jum iehor."*

*Illi fil-kaz odjern il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet korrezzjoni tad-data inkriminata u in oltre l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex turi li l-firma li giet iffalsifikata saret fid-disgha (9) ta' Jannar elfejn u tnax (2012) jew gimgha qabel tali data u mhux fit-tletin (30) ta' Novembru elfejn u disgha (2009).*

*Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati tal-ewwel (1) akkuza."*

*Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ta' din il-Qorti hekk kif ippreseduta fl-ismijiet The Police vs. Harish Daswani fejn gie ritenut is-segwenti:*

*"The charge sheet has in instances been considered as a notice for the accused to appear in Court, the prosecution however chose to limit the charge to a particular date as well as the preceding months and therefore excluded the*

*preceding years. From the acts it appears clearly that all preparations made by the accused for the complainant to come to Malta took place before the period indicated in the charge sheet. Even though the complainant continued residing with the accused, his wife and the father of the accused throughout the period mentioned in the charge sheet and a payment via Western Union also appears to have taken place to Home Maid Agency PTE Ltd on 11th of June 2013 according to a document filed at fol 661 and therefore while the complainant was already in Malta and her residence permit per fol 341 was valid till the 2nd of May 2014 and was issued on the 4th of September 2013 and the employment permit 39 Deciza nhar l-1 ta' Settembru, 2020 was also renewed in 2014 during the period mentioned in the charge sheet, the behaviour facilitating the entry and residence took place before the complainant arrived in Malta and therefore not in the period mentioned in the charge sheet.*

*For these reasons, the Court is upholding the First ground of appeal and declaring that the Court could not have found guilt of the first charge in view that not all the elements of the offence took place in the period mentioned in the charge sheet. The Court is therefore abstaining from taking cognisance of the second grievance regarding article 248A of the Criminal Code as well as parts of the third grievance through which regard the charge of human trafficking, apart from that which has been considered by this Court regarding the admissibiity of the statement released by the accused and also parts which are also linked to the offence under article 251B of the Criminal Code."*

*Illi ghalkemm l-iskop tac-citazzjoni huwa dak ta' avviz sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba l-Prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lill-appellant b'data u jiem partikolari, kellha tiprova 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-allegat spoll sar nhar id-19 t' April, 2020 jew fil-jiem ta'qabel. Illi f'dan il-punt issir referenza wkoll ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Polidano moghtija fis-26 ta' Ottubru 20161 fejn gie ritenut is-segwenti:*

*"Jigi stabbilit illi l-kliem 'fil-granet ta' qabel' certament jirrestringi l-perjodu ghal mhux aktar minn gimgha."*

*Ghaldaqstant ic-citazzjoni zgur ma tkoprix il-perjodu tas-Sajf 2019, iz-zmien meta Anthony Ebejer qal li nduna bl-att spolljattiv, kwazi sena qabel iz-zmien indikat fl-istess citazzjoni.....Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuza*

*kif dedotta kontra tieghu billi din tirreferi ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehh l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna."*

Similment, fil-kawża fl-ismijiet, **Il- Pulizija vs Ramon Mifsud Grech**, deċiża minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fit-23 ta' April, 2012, intqal:

*"llli s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-Qorti u mressqa quddiem l-istess Qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat. llli dan l-istess prinċipju ġie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali f'diversi kawżi oħra inkluż dawk fl -ismijiet* ***Pulizija vs Warren Piscopo*** *u* ***Pulizija vs Rita Thuema****, it-tnejn deċiżi fid-19 ta' Ottubru 2011. llli b'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ in eżami huwa ċar li l-imputati odjerni ma jistgħux jinstabu ħatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom addebietati għaliex dawn jirreferu għal fatti li suppost seħħew fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-ħdax ta' filgħaxija meta il-provi li nġiebu quddiem din il- Qorti jirreferu għal-fatti li seħħew fid-29 ta' Ottubru 2009 fit-tlieta u nofs ta' fil-għodu. Għal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u tilliberahom minnhom."*

Il-Qrati nostrana sostnew ukoll, li f'każ li jkun hemm żball fl-imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni tista' titlob li ssir korrezzjoni f'dan ir-rigward. Referenza ssir għas-sentenza, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs John Psaila**, deċiża fit-28 ta' Settembru, 2006, mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn intqal:

*"L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti erronejament illiberat lill-appellat minħabba li l-azzjoni kienet preskritta meta fil-fatt u skond il-liġi dan ma kienx il-każ. L-appellant isostni illi meta fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti ddikjarat il-kawża preskritta, dan ġara wara li kien hemm talba milqugħa għall-korrezzjoni f'dettal fiċ-ċitazzjoni, u ċioe` fir-rigward tal-kunjom ta' l-allegata vittma. Skond l-appellant, kien il-każ li jiġi applikat l-artikolu 175(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sens li tali korrezzjonijiet setgħu jiġu permessi b'mod li allura l-imputat m'hemmx għalfejn jiġi nnotifikat mill-ġdid. Jidher pero`, ikompli jgħid l-appellant, li l-ewwel Qorti ma applikatx dan l-artikolu b'mod legali u raġjonevoli u ma apprezzatx is-sinifikat u l-funzjoni*

*legali taċ-ċitazzjoni li hija sempliċement avviso a comparire. Fis-seduta tas-16 ta' Frar 2006, l-appellat (allura imputat) deher u, minħabba f'hekk biss, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni ġiet eżawrita. Barra minn hekk ma jirriżultax li l-appellat b'xi mod allega li ma kienx notifikat għas-seduta ta' dak innhar. Skond id-difensur ta' l-appellat, Dottor Vincent Galea, waqt is-sottomissjonijiet orali li saru quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-23 ta' Ġunju 2006, l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ma jimmeritax li jiġi milqugħ peress illi d-difiża ta' l-appellat meta deher quddiem l-ewwel Qorti kienet tikkonsisti filli hu ma kienx jaf min hi "Catherine Muscat" u allura bil-korrezzjoni li saret fiċ-ċitazzjoni d-difiża tiegħu setgħet titbiddel peress illi "Catherine Micallef" kienet persuna kompletament differenti. Issa, mill-atti jirriżulta illi fis-16 ta' Frar 2006 l-appellat deher, wara li ġie notifikat biex iwieġeb għall-imputazzjoni kif oriġinarjament formulata, u, skond il-verbal ta' dakinhar, iddikjara li ma jridx avukat. Minn imkien ma jirriżulta x'kienet id-difiża tiegħu. Mill-istess verbal jirriżulta, pero`, illi xehdet bil-ġurament "Catherine Micallef" li nfurmat lill-Qorti li kunjomha kien "Micallef" u mhux "Muscat". F'dak l-istadju l-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni fis-sens illi l-kunjom ta' l-allegata parti leża jinbidel u minflok "Muscat" jinqara "Micallef". L-ewwel Qorti dehrilha li, wara tali korrezzjoni, kellha tiddikjara l-azzjoni preskritta. Jiġi sottolinejat l-ewwelnett illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi: "Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1- akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw." Issa l-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna hi fis-sens li ċ-ċitazzjoni in kwistjoni mhix ħlief avviż lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti (avviso di comparire). Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg*** *fil-25 ta' Lulju 1994, intqal: "L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenża tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.*** *(Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911.*

*Brevement, iċ-ċitazzjoni ma hi xejn ħlief avviż jew ordni sabiex il-ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art. 360(1)). Din iċ-ċitazzjoni ma hix il-bażi tal-akkuża, bħalma hu l-każ tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuża jew imputazzjoni tiġi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: 'La vera imputazione si deduce contro l'imputato*

*dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'. Dan ifisser li ġaladarba 1-persuna mħarrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni (għax hemm funzjonijiet oħra, bħal, per eżempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jiġi akkużat sabiex ikun jista' jiddefendi ruħhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun ġiet eżawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ġunju, 1989 fl-ismijiet **I1- Pulizija vs Noel Zarb Adami**)." U bħalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v. Emanuel Buttiġieġ: "Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti għandhom jiġu ndikati fiha mhux għall-fini tal-validita` tagħha, jew tal-proċeduri, kompriża s-sentenza, li jsegwuha, iżda għall-fini ta' prattiċita`' u ta' evitar ta' telf ta' żmien, u ċioe` biex l-imputat x'ħin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun ġie mħarrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruħu għall-imputazzjoni dedotta. ..... Dan kollu premess ifisser li ċ-ċitazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda każ dik iċ-ċitazzjoni ma ġġib in-nullita` tal-proċeduri sussegwenti, kompriża s-sentenza." Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedi biss li ċ-ċitazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuża. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** mogħtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), ġie spjegat: "Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, mingħajr il-ħtieġa ta' tiġbid ta' kliem jew immaġinazzjoni, jiġifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb." L-appellat fil-fatt deher fid-data li għaliha kien notifikat biex jidher sabiex iwieġeb għall-imputazzjoni li f'data, ħin u lok speċifiċi kien hedded u insulenta lil persuna partikolari bi kliem. Stante li kien hemm żball fil-kunjom ta' dik il-persuna, il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta mogħtija fit-18 ta' Marzu 1955 (per l-Imħallef William Harding) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Spiru Spiteri** (Vol. XXXIX.iv.986) ġiet milqugħa talba tal-prosekuzzjoni għal korrezzjoni fid-data, nonostante l-oppożizzjoni tad-difiża fuq il-motiv li din ġiet mitluba wara li nstemgħu l-provi tal-prosekuzzjoni u wara li d-difiża kienet saret, u sentenza ngħatat fl-istess ġurnata. F'dik is-sentenza ntqal l-ewwel nett illi l-Qorti mhix obbligata tiddifferixxi l-kawża, meta tkun saret korrezzjoni, jekk ma ssirx talba għad-differiment mill-imputat. U żiedet tgħid hekk: "Lanqas hu l-każ li jinghad li bil-korrezzjoni l-imputat seta' kien 'deceived' jew 'misled', jew b'xi mod*

*preġudikat; għax id-dettalji dwar ir-reat kontenuti fiċ- ċitazzjoni ma setgħux ma jurux lill-imputat kontra liema fatt hu kellu jiddefendi ruħu …. Fil-prim'istanza, fejn il-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni tista' ssir, il-pregudizzju, għall-finijiet ta' kwistjonijiet simili, ma għandux jiġi magħmul jikkonsisti filli l-imputat ma jkunx jista' japprofitta ruħu minn żball tal-prosekuzzjoni, imma filli ġenwinament, minħabba dak l-iżball, hu jkun ġie b'xi mod imfixkel fil-mezzi tad-difiża. Lanqas għandu jintesa li hawn si tratta, mhux ta' difett fis-sens li l-korrezzjoni kellha tikkonsisti f'kambjament tar-reat imputat, imma pjuttost ta' dik li tissejjaħ 'variance'; għax appuntu 'variance' hi deskritta fil-ġurisprudenza Ingliża bħala 'some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence' (ara Martin vs. Pridgeon, 1859, 23 J.P. 630)." Fil-każ in eżami l-appellat kien jaf preċiżament kontra liema reat hu kellu jiddefendi ruħu. Bil-korrezzjoni ta' kunjom l-allegata parti leża, ma kien qiegħed jinbidel xejn mis-sustanża tal-fatti imputati u wisq anqas mir-reat ipotizzat b'dawk il-fatti. L-ewwel Qorti setgħet tilqa' t-talba għall-korrezzjoni mingħajr il-ħtieġa li ċ-ċitazzjoni terġa' tiġi notifikata u dan għaliex meta saret il-korrezzjoni kien hemm sempliċement "variance" u ma sar ebda tibdil sostanzjali fir-reat addebitat lill-appellat. Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ġunju 1995 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Miriam Gravina. Konsegwentement in-notifika oriġinali taċ-ċitazzjoni kienet għadha tgħodd u, skond l-artikolu 687(2) tal-Kodiċi Kriminali, iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni tiġi notifikata lill-persuna imputata. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ."*

Ġjaladarba mill-atti proċesswali teżisti tali dubju, dwar id-data ta' meta allegatament seħħ dan l-inċident, u ġjaladarba qatt ma ntalbet xi korrezzjoni da parte tal-Prosekuzzjoni, l-imputat ma jistax jinstab ħati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu. Jeżisti dubju raġjonevoli, li d-data indikata fl-imputazzjonijiet, hija waħda żbaljata u impreċiża.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 338(dd), 338(ee) u 95 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat Carmel Polidano minn kull ħtija u piena, stante li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-inċident seħħ il-Ħamis, 3 ta' Settembru, 2020.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**